III

(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2008/665/PESK

tad-9 ta' Ġunju 2008

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika ta' l-Albanija fl-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fir-Repubblika taċ-Ċad u fir-Repubblika ta' l-Afrika Ċentrali (Operazzjoni EUFOR Tchad/RCA)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Ottubru 2007, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2007/677/PESK dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fir-Repubblika taċ-Ċad u fir-Repubblika ta' l-Afrika Ċentrali [1] (Operazzjoni EUFOR Tchad/RCA).

(2) L-Artikolu 10(3) ta' dik l-Azzjoni Konġunta jipprevedi li arranġamenti dettaljati dwar il-parteċipazzjoni ta' Stati terzi għandhom ikunu s-suġġett ta' ftehim, skond l-Artikolu 24 tat-Trattat.

(3) Wara l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill fit-13 ta' Settembru 2004, il-Presidenza, assistita mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea/Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, innegozjat Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika ta' l-Albanija fl-Operazzjoni EUFOR Tchad/RCA, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim".

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat f'isem l-Unjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika ta' l-Albanija fl-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fir-Repubblika taċ-Ċad u fir-Repubblika ta' l-Afrika Ċentrali (EUFOR Tchad/RCA) huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim sabiex torbot lill-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett mill-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fil-Lussemburgu, 9 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

M. COTMAN

[1] ĠU L 279, 23.10.2007, p. 21.